DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1054

tat-30 ta' Mejju 2023

li tistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-portafoll tas-servizzi għas-servizzi ta' Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita offruti mis-sistema stabbilita skont il-Programm Spazjali tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 63(3) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2021/696, skont il-komponent tal-Komunikazzjonijiet Governattivi bis-Satellita ("GOVSATCOM"), il-kapaċitajiet u s-servizzi tal-komunikazzjoni bis-satellita għandhom jiġu kkombinati f'ġabra komuni tal-Unjoni ta' kapaċitajiet u servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita, b'rekwiżiti xierqa ta' sigurtà.

(2) F'konformità mal-Artikolu 63(1) tar-Regolament (UE) 2021/696, il-forniment tal-kapaċitajiet u tas-servizzi tal-GOVSATCOM għandu jiġi żgurat skont kif stabbilit fil-portafoll tas-servizzi. Il-portafoll tas-servizzi jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-ħtiġijiet tal-komunitajiet tal-utenti tal-komunikazzjonijiet governattivi bis-satellita, billi jinkludi servizzi tal-GOVSATCOM li jkunu flessibbli u aġġustabbli għall-utenti. Għalhekk jenħtieġ li dan ikopri s-servizzi minn tarf sa tarf, is-servizzi tal-kapaċità ankrata u s-servizzi tal-kapaċità mhux ipproċessata.

(3) Il-portafoll tas-servizzi jenħtieġ li jkopri l-kapaċitajiet u s-servizzi eżistenti u mistennija li għandhom jiġu inklużi fil-ġabra komuni tal-Unjoni. Għalhekk, fil-portafoll tas-servizzi jridu jiġu inklużi l-opzjonijiet differenti għal-latenza, għall-baned ta' frekwenza, għal-livelli ta' sigurtà u attributi oħra.

(4) Sabiex jiġi żgurat il-forniment tas-servizzi, hemm bżonn li jiġi deskritt il-proċess biex l-utenti tal-GOVSATCOM jagħmlu talbiet għal servizz liċ-ċentru tal-GOVSATCOM. L-awtoritajiet kompetenti tal-GOVSATCOM jenħtieġ li jaġixxu bħala intermedjarji f'dan il-proċess.

(5) Sabiex jiġi żgurat l-aħjar tqabbil bejn il-provvista u d-domanda għas-servizzi tal-GOVSATCOM, hemm bżonn li d-disponibbiltà tas-servizzi tiġi bbażata fuq il-provvista u d-domanda tal-kapaċitajiet u tas-servizzi satellitari miġbura u kondiviżi akkwistati.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm fil-konfigurazzjoni tal-GOVSATCOM.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1055 ([2]).

([1]) ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1055 tat-30 ta' Mejju 2023 li tistabbilixxi r-regoli dwar il-kondiviżjoni u l-prijoritizzazzjoni tal-kapaċitajiet, tas-servizzi u tat-tagħmir tal-utenti ta' komunikazzjoni bis-satellita biex tiġi ssodisfata l-funzjoni msemmija fl-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ara l-paġna 57 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

Artikolu 2

Portafoll tas-servizzi tal-GOVSATCOM

1. Il-portafoll tas-servizzi tal-GOVSATCOM għandu jikkonsisti mill-kategoriji tas-servizzi ta' komunikazzjoni li ġejjin:

(a) servizzi minn tarf sa tarf, li jippermettu lill-utent jaqbad ma' network li kapaċi jipprovdi servizz;

(b) servizzi ta' kapaċità ankrata, li jippermettu lill-utent juża l-kapaċità satellitari u l-faċilità tal-istazzjon tal-ankraġġ assoċjata;

(c) servizzi tal-kapaċità mhux ipproċessata, li jippermettu lill-utent juża l-kapaċità satellitari (wisa' tal-banda).

2. Is-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mal-attributi primarji u sekondarji tal-kategoriji tas-servizzi ta' komunikazzjoni huma stabbiliti fl-Anness I.

3. It-tagħmir tal-utent jista' jiġi pprovdut minn fornitur tar-riżorsi lill-utent bħala parti mis-servizz tiegħu.

4. Is-servizzi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (c) għandhom jiġu pprovduti permezz tal-infrastruttura taċ-ċentru tal-GOVSATCOM fil-konfigurazzjoni operazzjonali inizjali tas-servizzi tagħha.

Artikolu 3

Profili tas-servizz u talbiet

1. Il-profili tas-servizz tal-GOVSATCOM għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-valuri tal-attributi primarji tagħhom stabbiliti fl-Anness II ("profili ta' servizz predefiniti").

2. L-utenti għandhom ikunu jistgħu joħorġu talbiet ta' profil tas-servizz predefinit, fejn l-utent ikun jista' jibbrawżja l-profili tas-servizz predefiniti li jkun fihom l-informazzjoni pprovduta mill-fornitur tar-riżorsi rispettiv.

L-utenti għandhom ikunu jistgħu wkoll joħorġu talbiet ta' profil iddeterminat mill-utent, b'valuri ta' attributi ta' servizz speċifikati li jkunu ġew definiti minn qabel mill-utent. Il-profil iddeterminat mill-utent għandu jintuża biex tinħareġ talba għal servizz liċ-Ċentru tal-GOVSATCOM għat-tqabbil tal-profili tas-servizz predefiniti.

L-utenti għandhom ikunu jistgħu joħorġu wkoll talbiet ta' servizz bil-valuri tal-attributi magħżula mill-utent, fejn il-valuri tal-attributi jintużaw biex tinħareġ talba għal servizz liċ-ċentru tal-GOVSATCOM għat-tqabbil tal-profili tas-servizz predefiniti.

3. Iċ-ċentru tal-GOVSATCOM għandu jwieġeb għat-talbiet tal-utenti billi jippreżenta s-servizzi disponibbli li jaqblu mat-talbiet. Għas-servizzi disponibbli, l-utent għandu jiġi infurmat dwar l-attributi primarji u sekondarji tagħhom kif ukoll dwar kwalunkwe informazzjoni u dettalji addizzjonali speċifiċi għas-servizz. L-utenti għandhom ikunu jistgħu jagħżlu mis-servizzi disponibbli li jaqblu mat-talba tagħhom.

4. Wara li l-utenti jagħżlu servizz, u skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1055, iċ-ċentru tal-GOVSATCOM għandu jipproċedi għall-allokazzjoni tar-riżorsi għall-forniment tas-servizz u jinforma lill-utent meta s-servizz jiġi prenotat u attivat.

5. Wara l-attivazzjoni tas-servizz, l-utenti rispettivi għandhom ikunu jistgħu jaċċessawh jew bit-tagħmir tal-utent tagħhom meta dan ikun kompatibbli mas-servizz, jew bit-tagħmir tal-utent ipprovdut mill-fornitur tar-riżorsi permezz tal-GOVSATCOM.

Artikolu 4

Aċċess għall-portafoll tas-servizzi u għas-servizzi tal-GOVSATCOM

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-GOVSATCOM (CGAs) stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 68(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu jkollhom aċċess għall-portafoll tas-servizzi u għall-proċess tal-għażla tas-servizzi.

2. Fil-qafas tal-proċess tal-għażla tas-servizzi, is-CGA għandha:

(a) jirċievi, jipprijoritizza, janonimizza kif meħtieġ, u jibgħat it-talbiet tal-utenti tiegħu għal servizz liċ-ċentru tal-GOVSATCOM;

(b) jirċievi r-riżultati tat-talbiet miċ-Ċentru tal-GOVSATCOM u jgħaddihom lill-utenti;

(c) jirċievi, janonimizza kif meħtieġ, u jibgħat l-għażla tas-servizz tal-utenti tiegħu liċ-ċentru tal-GOVSATCOM.

3. Fir-rigward tal-anonimizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, matul il-forniment tas-servizz lill-utenti, is-CGA għandha taġixxi bħala indikatur għal kwalunkwe komunikazzjoni tal-utent maċ-ċentru tal-GOVSATCOM, u b'hekk tanonimizza l-identità tal-utent. Għandhom jintużaw kanali klassifikati bħala xierqa għall-komunikazzjoni, kif meħtieġ. Is-CGA tista' tagħżel li ma tanonimizzax lill-utent. F'dan il-każ, iċ-ċentru tal-GOVSATCOM għandu jagħmel disponibbli l-identità tal-utent lill-fornitur tar-riżorsi biex jappoġġa l-għażla, l-istabbiliment, il-ġestjoni, il-manutenzjoni u l-individwazzjoni tas-soluzzjonijiet tas-servizz ipprovdut lill-utent. Barra minn hekk, il-fornitur tar-riżorsi jista' jitlob id-dianonimizzazzjoni tal-utent. F'dan il-każ, iċ-ċentru tal-GOVSATCOM għandu jibgħat din it-talba lis-CGA rilevanti għall-valutazzjoni.

4. Iċ-ċentru tal-GOVSATCOM għandu jipprovdi lis-CGAs l-informazzjoni meħtieġa għall-għażla, il-prenotazzjoni, l-istabbiliment u l-forniment tas-servizzi.

Artikolu 5

Prijoritizzazzjoni tas-servizz u livelli ta' sigurtà

1. Il-prijoritizzazzjoni tal-forniment tas-servizzi għandha titwettaq f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1055.

2. L-utenti għandu jkollhom aċċess għas-servizz tal-portafoll tas-servizzi abbażi tal-livell ta' sigurtà tagħhom, kif stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2023)3204 tat-30 ta' Mejju 2023 ([3]).

Artikolu 6

Disponibbiltà tal-ġbir flimkien u tas-servizzi tal-GOVSATCOM

1. Il-kapaċitajiet u s-servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita miġbura flimkien għandhom ikunu disponibbli permezz tal-portafoll tas-servizzi bil-valuri tal-attributi tagħhom.

2. Id-disponibbiltà tas-servizzi fil-portafoll għandha tkun soġġetta għall-provvista u d-domanda tal-kapaċitajiet u tas-servizzi satellitari miġbura u kondiviżi akkwistati mill-entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2021/696.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Mejju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2023)3204 tat-30 ta' Mejju 2023 dwar l-istabbiliment tar-rekwiżiti ta' sigurtà ġenerali tal- GOVSATCOM imsemmija fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

ANNESS I

Attributi tal-kategoriji tas-servizzi tal-komunikazzjoni

Tabella 1

Servizz minn tarf sa tarf

Attributi primarji	
Latenza [Massima]	Dewmien fit-Trażmissjoni tat-Traġitt bir-Ritorn f'ms (millisekondi)
Throughput*	L-ogħla rata ta' informazzjoni f'Mbps (megabits kull sekonda)
Servizz simetriku	Iva/Le *Nota: Servizz simetriku għandu l-istess valuri tal-attributi għall-konnessjonijiet li jittrażmettu u jirritornaw* *Nota: f'każ ta' tweġiba negattiva, għandu jiġi identifikat it-throughput li jittrażmetti (FWD)/li jirritorna (RTN)*
Tip ta' kopertura	Reġjonali/Globali/Lokali
Disponibbiltà Minima	Disponibbiltà minima tas-servizz (% tal-ħin fix-xahar)
Livell ta' Sigurtà	Imsaħħaħ/Robust/Assigurat
Attributi sekondarji	
Rata ta' Informazzjoni Impenjata*	Rata ta' informazzjoni impenjata f'Mbps
Żona tas-servizz	Lista ta' żoni ġeografiċi disponibbli għall-forniment tas-servizz bħal fl-Illustrazzjoni 1
Informazzjoni speċifika għas-servizz	Lista ta' informazzjoni relatata mas-servizz, mhux inkluża f'attributi oħra (eż. żona ta' kopertura, potenza rradjata, G/T, Kwalità tas-Servizz, ħin tal-varar, taħriġ, appoġġ tekniku, għażliet tas-servizzi ta' installazzjoni, latenza ġenerali tas-servizz, polarizzazzjoni eċċ.)
Tagħmir tal-utent	Fiss/Varabbli/Mobbli
Forniment tat-tagħmir tal-utent	Iva/Le *Nota: L-utent għandu jingħata lista ta' tagħmir kompatibbli tal-utent bl-informazzjoni teknika tiegħu (eż. Kapaċità ta' ppuntar manwali/awtomatiku), sabiex jintgħażel mill-utent kif meħtieġ.*
Ħin massimu ta' interruzzjoni fis-servizz	F'sigħat *Nota: Il-punti deċimali huma appoġġati għad-definizzjoni tas-suddiviżjoni tas-siegħa*
Servizz għall-istatus tal-konnessjoni	Iva/Le
Konnessjoni ma' networks terrestri	Iva/Le *Nota: Fil-każ ta' "Iva", in-network(s) terrestri li għalihom tiġi pprovduta l-konnettività huma elenkati*

Tabell 2

Servizz tal-kapaċità ankrata

Attributi primarji	
Latenza massima	Dewmien fit-Trażmissjoni tat-Traġitt bir-Ritorn f'ms
Wisa' tal-banda*	Kapaċità f'MHz
Servizz simetriku	Iva/Le *Nota: Servizz simetriku għandu l-istess valuri tal-attributi għall-konnessjonijiet li jittrażmettu u jirritornaw* *Nota: f'każ ta' tweġiba negattiva, għandu jiġi identifikat it-throughput FWD/RTN*
Tip ta' kopertura	Reġjonali/Globali/Lokali
Banda tal-frekwenzi	HF-VHF-UHF/L/S/C/X/Ku/Ka/Ka Gov/V/Q
Tip ta' servizz tal-frekwenza	FSS/SM/BSS
Disponibbiltà Minima	Disponibbiltà minima tas-servizz (% tal-ħin fix-xahar)
Livell ta' Sigurtà	Imsaħħaħ/Robust/Assigurat
Attributi sekondarji	
Żona tas-servizz	Lista ta' żoni ġeografiċi disponibbli għall-forniment tas-servizz bħal fl-Illustrazzjoni 1
Interfaċċa tal-istazzjon tal-ankraġġ	Deskrizzjoni tal-interfaċċa użata għall-konnessjoni tat-tagħmir ipprovdut mill-utent mal-istazzjon tal-ankraġġ
Kapaċitajiet addizzjonali ta' ankraġġ	Iva/Le *Nota: Fil-każ ta' "Iva", il-kapaċitajiet ta' ankraġġ addizzjonali huma elenkati (eż. Multiprotocol Label Switching, konnettività ethernet eċċ.)*
Informazzjoni speċifika għas-servizz	Lista ta' informazzjoni relatata mas-servizz, mhux inkluża f'attributi oħra (eż. żona ta' kopertura, potenza rradjata, G/T, Kwalità tas-Servizz, ħin tal-varar, taħriġ, appoġġ tekniku, għażliet tas-servizzi ta' installazzjoni, latenza ġenerali tas-servizz, polarizzazzjoni eċċ.)
Tagħmir tal-utent	Fiss/Varabbli/Mobbli
Forniment tat-tagħmir tal-utent	Iva/Le *Nota: L-utent għandu jingħata lista ta' tagħmir kompatibbli tal-utent bl-informazzjoni teknika tiegħu (eż. Kapaċità ta' ppuntar manwali/awtomatiku), sabiex jintgħażel mill-utent kif meħtieġ.*
Ħin massimu ta' interruzzjoni fis-servizz	F'sigħat *Nota: Il-punti deċimali huma appoġġati għad-definizzjoni tas-suddiviżjoni tas-siegħa*
Servizz għall-istatus tal-konnessjoni	Iva/Le

Tabella 3


Servizz tal-kapaċità mhux ipproċessata

Attributi primarji	
Latenza massima	Dewmien fit-Trażmissjoni tat-Traġitt bir-Ritorn f'ms
Wisa' tal-banda*	Kapaċità f'MHz
Servizz simetriku	Iva/Le *Nota: Servizz simetriku għandu l-istess valuri tal-attributi għall-konnessjonijiet li jittrażmettu u jirritornaw* *Nota: f'każ ta' tweġiba negattiva, għandu jiġi identifikat it-throughput FWD/RTN*
Tip ta' kopertura	Reġjonali/Globali/Lokali
Banda tal-frekwenzi	HF-VHF-UHF/L/S/C/X/Ku/Ka/Ka Gov/V/Q
Tip ta' servizz ta' frekwenza	FSS/MSS/BSS
Disponibbiltà Minima	Disponibbiltà minima tas-servizz (% tal-ħin fix-xahar)
Livell ta' Sigurtà	Imsaħħaħ/Robust/Assigurat
Attributi sekondarji	
Żona tas-servizz	Lista ta' żoni ġeografiċi disponibbli għall-forniment tas-servizz bħal fl-Illustrazzjoni 1
Informazzjoni speċifika għas-servizz	Lista ta' informazzjoni relatata mas-servizz, mhux inkluża f'attributi oħra (eż. żona ta' kopertura, potenza rradjata, G/T, Kwalità tas-Servizz, ħin tal-varar, taħriġ, appoġġ tekniku, għażliet tas-servizzi ta' installazzjoni, latenza ġenerali tas-servizz, polarizzazzjoni eċċ.)
Tagħmir tal-utent	Fiss/Varabbli/Mobbli
Forniment tat-tagħmir tal-utent	Iva/Le *Nota: L-utent għandu jingħata lista ta' tagħmir kompatibbli tal-utent bl-informazzjoni teknika tiegħu (eż. Kapaċità ta' ppuntar manwali/awtomatiku), sabiex jintgħażel mill-utent kif meħtieġ.*
~~Ħ~~in massimu ta' interruzzjoni fis-servizz	F'sigħat *Nota: Il-punti deċimali huma appoġġati għad-definizzjoni tas-suddiviżjoni tas-siegħa*
Servizz għall-istatus tal-konnessjoni	Iva/Le

*: Fil-każ ta' servizz mhux simetriku, dan l-attribut għandu jaċċetta żewġ valuri; waħda għall-konnessjoni li tittrażmetti (satellita għall-utent) u waħda li tirritorna (utent għas-satellita).

Illustrazzjoni 1

Żoni ta' Servizz tal-GOVSATCOM



ANNESS II

Profili ta' servizz predefiniti

Tishih fis-servizz miġbur	
Kategorija ta' komunikazzjoni	Servizz minn tarf sa tarf
Latenza massima	600 ms
Throughput	10 Mbps
Kopertura	Reġjonali
Disponibbiltà Minima	99,5 %
Livell ta' Sigurtà	Tiswiħ fis-servizzi, li jipprovdi livell għoli ta' disponibbiltà u reżiljenza, u livell għoli ta' kunfidenzjalità, integrità u disponibbiltà.

Servizz miġbur robust	
Kategorija ta' komunikazzjoni	Servizz minn tarf sa tarf
Latenza massima	600 ms
Throughput	10 Mbps
Kopertura	Reġjonali
Disponibbiltà Minima	99,5 %
Livell ta' Sigurtà	Servizzi robusti, li jipprovdu livell għoli ta' disponibbiltà u reżiljenza, u livell għoli ta' kunfidenzjalità, integrità u disponibbiltà.

Servizz miġbur assigurat	
Kategorija ta' komunikazzjoni	Servizz minn tarf sa tarf
Latenza massima	600 ms
Throughput	10 Mbps
Kopertura	Reġjonali
Disponibbiltà Minima	98 %
Livell ta' Sigurtà	Servizzi assigurati, li jipprovdu livell għoli ta' robustezza u reżiljenza, u livell iktar baxx ta' kunfidenzjalità, integrità u disponibbiltà.

Il-livelli ta' sigurtà huma definiti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2023)3204 tat-30 ta' Mejju 2023.